# Kunsill Lokali l-Gudja

## Somarju dwar Pjan ta' Ħidma

### Jannar 2016 sa Diċembru 2018

Il-Gudja hija tiegħi, tiegħek u tagħna. Il-komunità tal-Gudja hija mibnija fuq rabtiet soċjali u kulturali. Il-Kunsill jixtieq ikompli jferrex s-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali sabiex ħadd ma jaqa' lura. Il-Kunsill jaħdem sabiex il-Gudja tkun waħda mill-komunitajiet progressivi fejn il-lokal ikun sors t'opportunità indaqs għal kulħadd. Il-Kunsill jaħdem f'diversi dekasteri sabiex joffri ġejjieni aħjar u juri direzzjoni għall- progress kemm ta' ġid komuni kif ukoll ġid personali. Ix-xogħol tal-Kunsill għalhekk huwa kontinwu u bla limitu iżda jsir qrib in-nies kif ukoll man-nies tal-Gudja.

Dan il-pjan huwa għalhekk mibni fuq dawn il-kapi ta' ħidma:

1. Infrastruttura – xogħol ta' toroq, bankini, u passaġġi urbani u mhux urbani

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, D. Grech, S. Caruana

2. Protezzjoni tal-qalba tar-raħal kif ukoll tal-kampanja

3. Protezzjoni u ħarsien soċjali u sigurtà personali u kollettiva speċjalment fil-qasam ta' anzjanità attiva u kreattiva

4. Edukazzjoni kontiwa u għal kulħadd, u neqirdu l'illitteriżmu u nikkoraġixxu l-qari

5. Sussidjarjetà bil-għan ewlieni li juri ċar li d-deċiżjonijiet jittieħdu qrib r-residenti għall-benefiċċju kollettiv tagħhom stess

6. Relazzjoni tal-Kunsill mal-Għaqdiet u Soċjetajiet tal-Gudja u l-volontarjat (fl-oqsma kollha kull fejn jinsabu)

7. Il-ħarsien kontinwu tal-ambjent

8. Saħħa (fiżika u mentali) sabiex nikkumbattu l-faqar u li ħadd ma jaqa' lura.

9. Sports għal kulħadd u l-provediment ta' spazji fejn jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku

10. Gudja post li joffri Kultura, Storja u Arti, u b'hekk t'interess turistiku kemm lokali kif ukoll għat-turisti li jiġu jżuru gżiritna u li jġib ġid kemm soċjali kif ukoll finanzjarju għall-Gudja

11. Konfini ċari u bla ekwivoku speċjalment sabiex juru li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-Gudja. Il-Kunsill jaħdem pożittivament sabiex filwaqt iħares l-ambjent u l-karatteristiċi tal-Gudja jkun proattiv u jikseb il-ġid ta' ħidma f'risq il-Gudja u l-Gudjani

12. Faċiltajiet rikreattivi u ġonna siguri għal kulħadd

Il-badġit tal-Kunsill għas-sena 2016 ikompli jirrifletti l-pjan u jitfa' dawl dwar l-istrateġija li għandu jsegwi l-Kunsill f'dawn l-oqsma u dan jibda jseħħ wara li jiġi ppreżentat u approvat waqt il-laqgħa pubblika tal-01 ta' Frar 2016.

Joseph M. Formosa
f/Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku